MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 417/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa`)**
**Vs**
**Lourdes Castillo**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanta/appellata Lourdes Castillo detentrici tal-karta tal-identita` numru 656482 (M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer f'diversi xhur fis-snin 2004 u 2005, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh li jeccedi it-tmenin elf lira

Maltin (Lm80,000) ghad-dannu ta' John Attard mir-Rabat, Ghawdex;

Kif ukoll talli l-istess perijodu, lok u ċirkostanzi, irċeviet jew aċċettat xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghaliha innifisha jew għal ħaddiehor bil-għan li teżerċita xi influwenza mhux xierqa fuq kif jiddeċiedi l-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni, Dr. Louis Galea B.A., LL.D., M.P.;

U aktar talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li testorci flus jew xi haga jew li taghmel xi qligh, jew bil-hsieb li iġġieghel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb jew tbiddel testment jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija jew taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, heddedt li taghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li taghti malafama lil John Attard mir-Rabat, Ghawdex, u b'liema theddid wasslet fil-hsieb tagħha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Settembru, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 308, 310(1)(a), 250(1), 17(b) u (h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li lliberat lill-appellanta/appellata mit-tieni akkuza migjuba fil-konfront taghha, sabitha hatja tal-kumplament u kkundannatha ghal perjodu ta' sentejn prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana l-perjodu ta' priġunerija ġie sospiż għal zmien erba` snin.

Il-Qorti wissiet lill-ħatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor fil-perjodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Finalment wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannat lill-appellanta/appellata thallas lill-parti leza John Attard is-somma ta' tlieta u disghin elf Ewro (€93,000) ekwivalenti ghal Lm 40,000 u dana fi zmien sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-1 ta' Ottubru, 2012, li bih talbet li din il-Qorti jogħġobha

tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitha mhux hatja, tikkonfermaha dwar ir-reat taħt l-artikolu 205 tal-Kodici Kriminali, tilliberaha mill-akkuza ta' truffa u frodi u tirrevokaha dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 28H u konsegwentement taghti piena li aktar taghmel ghall-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-28 ta' Settembru, 2012 li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza bili tikkonferma dik il-parti fejn sabet lill-appellata hatja tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni migjuba kontriha, filwaqt illi thassar u tirrevoka il-bqija billi wara li tqis bir-reqqa l-provi pertinenti f'dan il-kaz u l-interpretazzjoni legali tad-disposizzjonijiet applikabbli, ssib lill-appellata hatja wkoll tat-tieni akkuza kif dedotta kontriha u terga tinfliggi l-piena skond il-ligi kif debitament imposta bl-applikazzjoni wkoll tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta/appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanta jikkonsisti fis-segwenti :-

**Dwar it-truffa u l-frodi**

L-ewwei Onorabbli Qorti manifestament sabet il-tija dwar it-truffa skont l-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali illi ccitat fl-aħħar tas-sentenza. Dak kollu illi jinghad fis-sentenza għandu rilevanza għall-frodi imma m'ghandux il-karatteristika meħtieġa għal reat ta truffa.

Il-gurisprudenza taghna konsistentement irriteniet illi d-distinzjoni bejn ir-reat ta' frodi u r-reat ta' truffa huwa illi jrid ikun hemm il-messa in scena u gie ripetutament ritenut illi għal messa in scena mhux bizzejjed illi jkun hemm kliem menzonier.

Huwa manifest illi d-distinzjoni tal-kuncetti bejn truffa u frodi ma gewx apprezzati sewwa fis-sentenza. Jinghad

per eżempju fl-istess sentenza "maghdud dana kollu, il-Qorti tistqarr illi l-prosekuzzjoni ressqet biżżejjed provi madanakollu sabiex tipprova l-htija tal-imputata ghar-reat tal-frodi addebitat lilha". Ir-reat addebitat lill-esponenti kien ta' truffa u l-Artikolu 308 illi ikkunsidrat il-Qorti kien jirreferi ghat-truffa u mhux ghal frodi. Fuq ir-reat kompriz u involut tal-frodi (bhala distint mit-truffa), dan jiddependi kompletament fuq il-provi prodotti.

Fil-fatt hemm tliet sitwazzjonijiet u cioe' dawk elenkati mill-Qorti.

a) It-tentattivi biex jingieb il-konvinciment fuq il-mara Ghawdxija biex toffri servizzi lil ' John Attard.
b) Il-kwistjoni ta' John Attard fuq l-impjieg tiegħu.
c) Il-kwistjoni tal-minuri Cassandra Caruana.

Il-fatti fuq il-kaz tal-mara Għawdxija ma kien hemm l-ebda element ta' frodi. Il-pretenzjonijiet kienu mahluqa minn John Attard stess. Kien hu illi l-ewwel fittex lil ċerta Carmen Zammit. Hija spiccat illi kellha tbigħ id-dar kif jirrizulta mill-atti halli tkun tista thallas lura l-flus kollha li kien taha. Għalih la ma waslitx għar-riżultat kellu dritt ghar-rifuzjoni. Ghandu jinghad illi r-reat ta' frodi ma jissussistix meta jkun hemm turpitudini tal-istess vittma. Dan johrog car mill-ittra li kiteb lil Lourdes Castillo li giet esebita u li huwa jaccetta bhala tieghu . X'fisser dan l-argument? Espressjoni Taljana li dahlet fil-lingwagg kornuni hija "chi e' causa del suo dolor, pianga se stesso". L-istess jinghad ghal kwistjoni tax-xoghol tieghu. Ma kinitx Lourdes Castillo illi marret fuq John Attard u qaltlu illi tirrangalu ghax-xoghol. Kien hu illi webbilha li jaghtiha l-flus kemm-il darba sserrahlu mohhu li ma kienx se jitkecca u aghar minn hekk illi jaghmel hsara lil haddiehor. Ghal din il-hsara kien lest illi jhallas u sahansitra kien lest illi jhallas il-flus ghar-reat ta` korruzzjoni illi kien mehtieg. Bir-rispett kollu, il-ligi ma tistax jipprotegi lil min ta` eta' matura u mhux xi minorenni, jagixxi b'mod illegali, idahhal lil haddiehor fl-istess, imbaghad jghid illi gie iffrodat.

Ghalhekk la t-truffa u l-anqas il-frodi (fic-cirkostanzi) ma huma konfigurabbli.

Dwar l-incident tal-minuri Cassandra Caruana, ghandu jinghad illi fil-fatt fl-istess sentenza l-appellanti giet misjuba hatja darbtejn. L-ahhar akkuza kienet tar-rikatt u kien aktar japplika l-Artikolu 250 tal-Kodici Krirninali milli l-Artikolu 308. Ghalhekk il-konsiderazzjonijiet m'ghandhomx ikunu taht it-truffa imma taht l-Artikolu 250 tal-Kap 9.

**Fuq ir-reat tar-rikatt**

L-avukat sottoskritt irid jikkoncedi illi l-prosekuzzjoni f'dan il-kaz ippruvat il-kaz taghha. Anke jekk il-fatti tal-korruzzjoni kienu veri u jkun hemm it-theddida ta` denunzja akkumpanjata minn talba ghal flus, ir-reat jissustixxi xorta wahda. Jidher li dan huwa l-kaz.

Pero' ma jistax jingħad illi huwa t-truffa. Il-kliem menzonier f'dan il-każ u anke kieku l-kliem kien veru, jammonta għal reat dedott taht l-Artikolu 250 tal-Kap 9 u mhux taħt l-Artikolu 308 tal-Kodiċi Kniminali. Għalhekk f'dan ir-rigward salv dak li jingħad mhu qed jitqajjem l-ebda aggravju dwar il-fatti.

**L-applikazzjoni tal-Artikolu 28H**

L-ewwel Onorabbli Qorti ħadet l-ammont kollu pretiż minn John Attard u qasmitu min-nofs u kkundannat lill-esponenti biex tħallas dak l-ammont hekk maqsum

Jirriżulta mix-xhieda ta` John Attard stess illi parti sostanzjali tħallset bħala commission talli nġabru l-flus minn għand Carmen Zammit li kien qata' qalbu li jigborhom u talab l-assistenza, liema assistenza inghatat u hu effittivament gabar flusu.

Lanqas jista' jitlob flus lura illi għandha "causa turpi". L-istess John Attard jaccetta wkoll illi zamm lil Lourdes Castillo xahar shih gewwa Ghawdex u naturalment kellhom isiru l-ispejjeż. Hija m'għandhiex residenza Għawdex u kellha toqgħod hemmhekk u ċertament titlef kull attivita' oħra.

**Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali li jikkonsistu fis-segwenti :-**

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) meta ġiet biex tillibera lill-appellata mit-tieni akkuża miġjuba kontriha, kif komunement magħruf bħala trading in influence, u dan għar-raġunijiet segwenti:

Illi preliminarjament jingħad għal kull buon fini u għall-kjarezza li dan l-appell jirrigwarda biss il-liberatorja tat-tieni akkuża miġjuba kontra l-appellata. Filfatt l-Avukat Generali mhux qed jappella mill-bqija tas-sentenza kif mogħtija inkluż il-piena kif imposta u l-applikazzjoni tal-artikolu 28H bit-termini kif imposti mill-ewwel Qorti.

Illi fl-ewwel lok u in sostenn ta' dan l-appell, huwa opportun li ssir referenza għat-test tal-artikolu kollu tal-artikolu 121A tal-Kodiċi Kriminali li jikkonċerna din l-imputazzjoni:

Illi kif indikat fis-sentenza moghtija, l-ewwel Qorti iliberat lill-appellata mit-tieni imputazzjoni peress illi '*l-fatt illi l-imputata kienet taf lill-ex ministru Louis Galea u lix-xufiera tiegħu kienet kollha messa in xena. Ġie ampjament ippruvat illi l-imputat qatt ma avvicinat lil dawn in-nies jew offrietilhom xi flus sabiex takkwista xi beneficcju jew vantaġġ għall- parti leża u qatt ma kellha l-intenzjoni tagħmel dan. Din kienet biss storja ivintata da parti tagħha'*. Umilment pero' jingħad, partikolarment b'referenza għat-tielet sub-paragrafu tal-artikolu 121A tal-Kodici Kriminali kif hawn fuq ikkwotat li dan ix-xenarju ma jwassalx għal nuqqas ta' ħtija da parti tal-appellata ta' dan id-delitt u dan peress illi r-responsabbilta' tinkombi fuqha anki jekk l-influwenza allegata tkun fittizja.

Illi allura, huwa evidenti li dan ir-reat jissussisti bl-elementi kollha anki jekk min qed jikkommetti r-reat jaf li tali vantaġġ qatt ma jista' jigi akkwistat peress li l-influwenza li allegatament tista tintuza effettivament ma teżistix. Hekk kien il-każ hawnhekk u dan filfatt gie anki rikonoxxut mill-ewwel Qorti fil-konkluzjonijiet tagħha. Madankollu, ma

jfissirx, kif erronjament esponiet l-ewwel Qorti, li peress li din l-influwenza qatt ma setghet tigi effettwata kif deskritt minnha, allura tali reat ma jissustistix fl-elementi tiegħu dan fid-dawl tad-diċitura tal-aritkolu 121A(3).

Illi minghajr preġudizzju għas-sueċċipit jingħad ukoll li filwaqt li r-referenza li l-ewwel Qorti għamlet għall-pronunzjamenti oħra mill-Qrati tagħna dwar l-elementi tat-trading in influence huma korretti, dawn il-każijiet ma kellhomx l-istess ċirkostanzi bħal dan il-każ partikolari u dan peress li f'dawk is-sentenzi kien effettivament jeżisti l-potenzjal li ssir din l-influwenza jew effettivament irriżultat jew ġiet tentata. Huwa fid-dawl ta' dawk iċ-ċirkostanzi li s-silta kkwotata minn din il-Qorti giet applikata. In oltre, s-silta kkwotata kemm minn din il-Qorti bhala d-disposizzjoni tal-artikolu 121A kif ukoll ir-referenzna għal dawk is-sentenzi, jirreferu biss għall-ewwel sub-paragrafu tal-artikolu 121A tal-Kapitolu 9 u ma jirreferux għall-kontenut tas-subparagrafu (3) ta' dan l-istess artikolu li effettivament japplika għall-każ kontra l-appellanta.

Illi jingħad ukoll li l-artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali f'ebda mod ma ilimitaw il-Qorti fl-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu (1) u dan peress li dan l-artikolu ġie indikat li seta' jigi applikat fl-interita' u f'kull parti tiegħu (121A).

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Rat ukoll in-Nota ta' Sottimissjonijiet tal-appellant tat-23 t'Awwissu 2013 fejn huwa ssottometta li l-allegat vittma kien hu stess qed jitlob affarijiet li la huma legittimi u lanqas morali. Skont l-appellant, meta l-vittma me kienx jirnexxilu l-iskop, kien allura jippretendi li jiġi kompletament rimborsat.

Ikkonsidrat

Il-fatti tal-każ fil-qosor huma dawn. L-imputata u Grace Gatt kienu rreklamw is-servizzi tagħhom bħala investigaturi privati. Attard talab is-servizzi in konnessjoni

ma' interess li kellu f'ċerta persuna. Huwa wkoll kien interessat jiġbor xi flus minn għand ċertu Carmen Zammit. Biex isir dan il-ħlas Zammit kellha tbigħ xi proprjeta' li kienet wirtet. Hekk kif Attard tħallas parti mis-somma dovuta , Gatt kienet tħallset xi persentaġġ fuq l-ammont kollu dovut. Aktar fil-qofol ta' dan il-proċess huma żewġ stejjer oħra. F'waħda minnhom Attard beda jibgħat messaġġi lil ċerta Cassandra iżda, waqt li Cassandra kienet tirrispondi fil-qasir, l-imputata u persuna oħra kienu jieħdu ħsieb jirrispondu. L-appellanti infurmat lil Attard li omm Cassandra kienet ser tirraporta l-każ lill-Pulizija. Attard spiċċa jissellef il-flus sabiex iħallas lill-appellanti u lil Grace Gatt.

Barra din l-istorja kien hemm oħra in konnessjoni mal-post tax-xogħol ta' Attard. L-appellanti pperswadiet lil Attard li jekk iħallas somma flus huwa ma jitkeċċiex mid-dipartiment. Attard issellef xi flus minn għand ċerta Maureen Woods biex iħallas dawn il-flus. Huwa rreġistra telefonata li kellu mal-appellanti fejn l-appellanti tinstema' 'tkellem lill-ministru.'

Mix-xhieda ta' John Attard jirriżulta li kellu jieħu xi flus minn għand Carmen Zammit u wieħed 10% mir-rikavat lil Grace Gatt jekk din tgħinu jiġbor flusu. Għalkemm ma ġabarx kollox, huwa kien ta l-ammont kollu miftiehem. Għal xi follow ups kien ta' Lm6300 lil Grace Gatt u lil Lourdes Castillo kien taha Lm5040. Huwa kellu jissellef parti minn dawn il-flus minn għand John Schembri.

L-appellanti kienet qaltlu li ċerta Cassandra kellha grazzja miegħu. Lil din kien jibagħtilha l-messaġġi iżda hu qatt ma kellu x'jaqsam magħha. Grace Gatt kienet qlaltu li omm Cassandra kienet ser tirrappurtah jekk hu ma jħalalsx somma kbira li mbagħad tniżżlet għal Lm20,000. Grace Gatt kienet qaltlu wkoll biex joħroġ ċekk ta' Lm18,000 fuq Noel Gauci, ċekk li ma setax jissarraf. Imbagħad, wara li Attard issellef flus minn għand Joe Bonnici, huwa ħareġ ċekk ta' Lm5,000 fuq Noel Gauci.

Imbagħad inqalgħetproblema ma’ persuna fid-dipartiment fejn jaħdwem Attard u, wara li reġa’ ssellef xi flus kif ukoll ħa xi għotja (Lm10,000 self u Lm50,000 għotja)
mingħand ċerta Maureen Woods, huwa ta’ flus kontanti lill-appellanta. L-appellanta kienet saħansitra talbitu CV u xi dokumenti oħra sabiex iġġiblu promotion. Quddiem terza persuna l-appellanta baqgħet issostni li l-flus kienet għaddiethom lill-ministru. Ix-xhud qal lu huwa kien irrikordja telefonata li fih l-appellanti nstemgħet taparsi qed tkellem lill-Minsitru (fol 30).

Fil-kontro-eżami x-xhud ikkonferma li kien mar għand persuna biex taqralu x-xorti li kienet qaltlu li l-appellanti u mara oħra kienu serquh. Quddiem min qara x-xorti l-appellanti baqgħet tinsisti li l-flus hija kienet tathom lill-Ministru. (fol 242). Huwa nnega li kellu xi relazzjoni ma’ persuna ex-pulizija. Kien biss sellifha xi flus għax kienet issemmilu xi spejjeż ta’ sptarijiet u affarijiet oħra. Dwar il-kwistjoni ta’ fuq ix-xogħol huwa qal li l-ewwel kienu qalilu li ser jitlef il-job iżda ma ċaħadx dik il-parti dwar it-transfer. Huwa nsista li l-avukat difensur kellu jsemmi kollox, inkluża t-telefonata (fol 248). Huwa ma kien kellem lill-ebda membru parlamentari u kien fil-qorti biex jiġġieled għal flusu. Bħala impjegat ċivili kien jaf li biex jitkeċċa kien jinħtieġ bord tad-dixxiplina kif ukoll deċiżjoni mill-Public Service Commission. Ix-xhud insista wkoll li ma kienx iltaqa’ mat-tfajla tal-Marsa weħdiha iżda kien ikkomunika permezz tal-sms. Kull meta kellem lil din it-tfajla, din dejjem kienet tkun mal-appellanti. Imbagħad taparsi kienu daħħlu lil omm it-tfajla. Attard kompla jgħid li fuq il-każ tat-tkeċċija hemm Lm60,000 involuti.

Huwa ċaħad li huwa kien ta xi ittra lill-appellanti sabiex tmur għand X ħalli tagħmel il-
Magħmul lil Marija. (fol 264). Attard qal ukoll li kellhom jiġbrulu xi dejn minn għand Carmen Zammit iżda l-flus kienu reġgħu spiċċaw għand Grace Gatt. Kien talab id-differenza tal-flus minħabba li s-somma li nġabret kienet inqas minn dik oriġinarjament indikata iżda t-tweġiba kienet li ma jingħatawx flus lura. F’telefonata minnhom l-appellanti kienet qaltlu li li kieku ma kenitx hi, kieku kien ilu li telaq mix-xogħol.

A fol 271, l-Avukat Difensur ppreżenta tliet ittri waqt li John Attard esibixxa tliet ċekkijiet. Ix-xhud għaraf il-handwriting tiegħu, qal li jista' jkun li l-ittra kien kitibha lil Lourdes Castillo u li aktarx ktitbha fis-sena 2005 . L-ittgri l-oħra nkitbu mill-avukat tiegħu.

John Attard esibixxa dokumenti dwar loans (fol 112) fis-seduta tat-8 t'Awwissu, 2007.

Xhud importanti oħra kienet Cassandra Caruana li qalet li kienet taf lil John Attrad għax kienet tkun mal-appellanti meta l-appellanti kienet tkun ċ-Ċirkewwa biex tiltaqa' ma' John Attard. Lil dan tal-aħħar qatt ma kellmitu. L-SMS's kienet tweġibhom Lourdes Castillo u minn fuq il-mobile tax-xhud Lourdes Castillo kienet tibgħat messaġġi lil Attard biss. Wara skopriet li Lourdes Castillo kienet tibgħat dawn il-messaġġi **taparsi kienet qed tibgħathom hi (ix**-xhud). (fol 71). Lil ommha qatt ma qaltilha xejn u għalhekk ommha qatt ma setgħet tmur tagħmel rapport fl-għassa. Kienu Grace u Lourdes Castillo li qalulha tgħid lil ommha biex iċċempel lil Attard. Lilhom qaltilhom li kienet kellmet lil ommha dwar dan iżda filfatt ma kinitx kellmet lil ommha. Huma riduha tgħid lil ommha biex lil Attard twissih li jekk ma kienx ser iħallas il-flus kienet ser tirraportah lill-pulizija**. Wara Grace u Lourdes kienu qalulha li din it-telefonata kienu għamluha huma stess. (fol 72)**

Omm ix-xhud preċedenti qalet li hi qatt m'għamlet rapporti lill-Puliziija dwar Attard. Bintha kienet qaltilha biex tagħmel din it-telefonata għaliex Grace u Lourdes kienu qalulha biex tagħmel hekk. Saret taf dwar it-talbiet għall-flus meta bagħtu għaliha l-pulizija.

Xehdu wkoll rappreżentanti tal-HSBC u l-Bank of Valletta dwar xi cheques (fol 78, 79, 80, 81, 82 u 85. Dan l-aħħar document juri diversi cash deposits maħgmula fil-kont ta' Grace Gatt (ara fol 84) fosthom cash deposits ta' 5,000 u 1,000 Ewro rispettivament.

Xehed Noel Gauci li qal li Grace Gatt kienet talbitu jagħmlilha pjaċir billi jsarrfilha ċ-cheque. Il-flus kien għaddiehom lil Grace Gatt. Ġabitlu cheque ieħor li ma kienx jissarraf.

Panayoda Cassar xehdet li Attard kien mar mal-appellanta. Hija qalet lill-appellanta li l-persuna b'kariga għolja ma kienet taf b'xejn dwar dak li kienet qed tgħid l-appellanta. Kienet saħansitra stednitha li jċemplu lil din il-persuna. L-appellanta kompliet issostni li Attard kien ser jitlef l-impieg tiegħu u li l-appellanta setgħet tgħaddi somma flus lil din il-persuna b'kariga għolja. Sigħat wara li telqu Attard u l-appellanta kienet marret għandha Grace Gatt li qaltilha li jistħgu jirranġaw mod ieħor billi ġġib il-flus minn barra ħa tħallas lil Attard. Minn dan il-punt daħlu l-avukati.

Xehdu Mario Polidano, is-security guard tal-persuna b'kariga għolja, u Mario Pace, ix-xufier, u qalu li lill-appellanti ma kinux jafuha. (fol 100, 102).

Xehed Joseph Busuttil li qal li fuq il-post tax-xogħol kien hemm bejn tletin u ergħin ruħ u ma' ħadd minnhom ma kellu xi jgħid. Lil John Attard iqisu bħala bniedem 'moody' u li ma tantx jitħallat mal-kollegi tax-xogħol. Ix-xhud ma tantx kien ikellem lil dan John Attard.

Xehed John Schembri (fol 130) li kkonferma li huwa kien silef Lm6000 lil John Attard f'Ottubru tas-sena 2004.

Carmela Cumbo (li isimha jidher fuq diversi ċekkijiet) ikkonfermat li hija kienet xtrat post derivanti mill-wirt ta' mart ċertu Michael Farrugia. Kien hemm ukoll involuta ċerta Carmen Zammit, oħt il-mejta. Il-post kienet xtratu Lm65,000. John Attard kien preżenti għand in-nutra. Attard kien qalilha li kellu jieħu xi flus u l-istess qaltilha Carmen Zammit.

In-Nutar Dr Bartolomeo Micallef ikkonferma li ċerta Carmela Cumbo kienet xtrat post Zabbar Road il-Fgura u l-kuntratt kien għamlu hu. Għall-kuntratt kien hemm

żewġ persuni maskili li kienu estranji għall-kuntratt. Għal dan il-kuntratt kienu gaddew xi ċekkijiet.

A fol 149 xehdet Maureen Wood xehdet li kienet tiltaqa' ma' John Attard ġewwa lukandi. Hija sellfitu flus diversi drabi (Lm10,000, Lm25,000, Lm5,000, Lm19,800). Wara fetħet kawża kontrih fil-Qorti t'Għawdex. (Ara wkolll ix-xhieda tagħha a fol 167).

Xehed Joseph Bonnici li kkonferma li kien silef Lm5,000 lil John Attard. (fol 178).

Xehed l-Onor.Dr Louis Galea (fol 184). Dan qalli qatt ma kien sar jaf lill-appellanti. Lanqas biss kien sema' b'dan l-isem. Ma kien jaf xejn dwar il-fatti jew dwar xi flus illeċiti li għaddew. Lanqas ma kien jaf lil John Attard.

Dr Daniela Mangion ippreżnetat it-transcripts tat-tape. A fol 222 jidher dan il-kliem:

'Lourdes Castillo (allegatament) titkellem mal-Ministru.

LC: Hello, x'kont ser ngħidlek, jiena qegħda ma' Giovan. Dak kif baqa? Kif baqa' hu u l-oħrajn ġew iħallasuk?

Niġi? Niġi biex titlobni kemm ħarġu huma.

Giovann: Għidlu jaqbad u jgħidlek.

Lourdes Castillo mal-Ministru: Mhux biex jaħdem hu. X'jiġifeiri?
All right.'

Qatgħet.

Wara dan is-sommarju tal-fatti u tax-xhieda, liema sommarju jgħodd għaż-żewġ appelli, il-Qorti ser tgħaddi biex teżamina l-appell tal-Avukat Ġenerali. Dan huwa limitat għall-interpretazzjoni tal-artikolu 121A tal-Kap 9 li, skont l-Avukat Ġenerali, minħabba dak li jiddisponi it-tielet

subinċiż ta' dan l-artikolu, l-Ewwel Qorti kellha ssib ħtija taħt dan l-artikolu wkoll.

Din il-Qorti qed tesponi l-artikolu 121A fl-intier tiegħu kif jidher hawn taħt:

**'121A.** (1) Kull min iwiegħed, jagħti jew joffri, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi persuna oħra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaċi li jagħmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-subtitolu u ta' xi persuna oħra, sabiex iġiegħel lil dik il-persuna oħra teżerċita dik linfluwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor, għandu, meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet snin sa sitt snin.

(2) Kull min jitlob, jirċievi jew jaċċetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor **bil-għan li jeserċita xi influwenza mhux xierqa bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1)** jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita f'dak is-subartikolu.

(3) Ir-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) jkunu saru għal kollox sew jekk il-kapaċità allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kinetx teżisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiża twassal jew ma twassalx għar-riżultat intiż.'

Dan l-artikolu huwa msejjes fuq l-artikolu 12 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Korruzzjoni. Dan l-artikolu jgħid hekk:

**Article 12 – Trading in influence**

'Each Party shall adopt such legislative and other measures as may be necessary to establish as criminal offences under its domestic law, when committed **intentionally,** the promising, giving or offering, directly or

indirectly, of any undue advantage to anyone who asserts or confirms that he or she is able to exert an improper influence over the decision-making of any person referred to in Articles 2, 4 to 6 and 9 to 11 in consideration thereof, whether the undue advantage is for himself or herself or for anyone else, as well as the request, receipt or the acceptance of the offer or the promise of such an advantage, **in consideration of that influence, whether or not the influence is exerted or whether or not the supposed influence leads to the intended result.**

U l-ispjega tiegħu fl-Explanatory Report hija din li ġejja:

**'Article 12 – Trading in influence**

64. This offence is somewhat different from the other – bribery-based – offences defined by the Convention, though the protected legal interests are the same: transparency and impartiality in the decision-making process of public administrations. Its inclusion in the present Convention illustrates the comprehensive approach of the Programme of Action against Corruption, which views corruption, in its various forms, as a threat to the rule of law and the stability of democratic institutions. Criminalising trading in influence seeks to reach the close circle of the official or the political party to which he belongs and to tackle the corrupt behaviour of those persons who are in the neighbourhood of power and try to obtain advantages from their situation, contributing to the atmosphere of corruption. It permits Contracting Parties to tackle the so-called "background corruption", which undermines the trust placed by citizens on the fairness of public administration. The purpose of the present Convention being to improve the battery of criminal law measures against corruption it appeared essential to introduce this offence of trading in influence, which would be relatively new to some States.

65. This provision criminalises a corrupt trilateral relationship where a person having real or supposed influence on persons referred to in Articles 2, 4, 5, and 9 –

11, trades this influence in exchange for an undue advantage from someone seeking this influence. The difference, therefore, between this offence and bribery is that the influence peddler is not required to "act or refrain from acting" as would a public official. The recipient of the undue advantage assists the person providing the undue advantage by exerting or proposing to exert an improper influence over the third person who may perform (or abstain from performing) the requested act. **"Improper" influence must contain a corrupt intent** by the influence peddler: acknowledged forms of lobbying do not fall under this notion. Article 12 describes both forms of this corrupt relationship: active and passive trading in influence. **As has been explained (see document GMC (95) 46), "passive" trading in influence presupposes that a person, taking advantage of a real or pretended influence with third persons, requests, receives or accepts the undue advantage, with a view to assisting the person who supplied the undue advantage by exerting the improper influence. "Active" trading in influence presupposes that a person promises, gives or offers an undue advantage to someone who asserts or confirms that he is able to exert an improper influence over third persons.**

66. States might wish to break down the offence into two different parts: the active and the passive trading in influence. The offence on the active side is quite similar to active bribery, as described in Article 2, with some differences: a person gives an undue advantage to a another person (the 'influence peddler') who claims, by virtue of his professional position or social status, to be able exert an improper influence over the decision-making of domestic or foreign public officials (Articles 2 and 5), members of domestic public assemblies (Article 4), officials of international organisations, members of international parliamentary assemblies or judges and officials of international courts (Articles 9-11). The passive trading in influence side resembles to passive bribery, as described in Article 3, but, again the influence peddler is the one who receives the undue advantage, not the public official. What is important to note is the outsider position

of the influence peddler: he cannot take decisions himself, but misuses his real or alleged influence on other persons**. It is immaterial whether the influence peddler actually exerted his influence on the above persons or not as is whether the influence leads to the intended result.**

L-Ewwel Qorti tat ir-raġunijiet għala ma dan ir-reat ma jissustix fil-konfront tal-appellanti. Meta l-appelalnti kienet qed tgħid li taf lill-ex-Ministru u lix-xufiera tiegħu, din kienet kollha **messa in xena**.

Din il-Qorti tqabel għal kollox mal-Ewwel Qorti fejn din qalet li mill-provi prodotti – u li sommarju tagħhom tidher aktar 'il fuq – tlegħu x-xufier, is-security guard u l-ex ministru nnifsu kolha jgħidu li lanqas biss jafu lill-appellanti. Ukoll fl-ewwel stqarrija tagħha,li kienet l-appellanti kienet ikkonfermat fit-tieni stqarrija, l-appellanti kienet qalet hekk:

'Giovann kien min għalih li fuq il-biċċa xogħol konna tnejn għalkemm il-persuna ma kienx jaf min kienet għax fil-verita' ma kien hemm ħadd u jien filp-verita' ma kontx qed inkellem la lill-ministru u wisq anaqas lix-xufier tiegħu għax la lil wieħed u lanqas lill-ieħor ma naf.'

Huwa tassew li f'ċerti liġijiet, bħal, per eżempju fil-Kapi 31 u 101, insibu dispożizzjoni li tgħid hekk:

'The conspiracy referred to in subarticles 1(d) and 1(f) shall subsist from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between such persons.'

Iżda s-sitwazzjoni kkontemplata fis-subinċiż (3) tal-artikolu 121A hija differenti minn dik kontemplata fis-subinċiżi li għadhom kif issemmew. Fiż-żewġ subinċiżi wieħed mill-elementi tar-reati hemm imsemmija huwa 'l-għan'. Per eżempju, fis-subninċiż (2) hemm il-kliem 'bil-għan li jeżerċita xi influwenza'.

U fl-explanatory report tal-Konvenzjoni hemm referenza għall-'corrupt intent'.

Issa mill-provi fil-proċess minn imkien ma tirriżulta din l-intenzjoni. Biex jiskatta l-paragrafu (3) tal-artikolu 121A irid li minn xi prova jkun jirriżulta tali intenzjoni. Jekk hemm provi ta' din l-intenzjoni, jsegwi li wieħed jista' jinstab ħati taħt la-rtikolu 121A ukoll jekk il-kapċita' allegata ma kinitx teżisti. Mela jekk fil-mument tal-ftehim, min jirċievi l-flus jkun għadu jikkontempla lil min ser itihom biex jista' juża l-influwenza tiegħu, ir-reat xorta jkun twettaq għaliex l-għan li ssir xi ħaġa li mhux xierqa diġa' qiegħed hemm u l-elementi kollha tar-reat ikun jissusistu minkejja li dak li jkun ikun għadu jħammem dwar min tista' tkun il-persuna addattata. Ir-reat ukoll jitwettaq jekk wieħed javviċina lil xi ħadd biex jinfluwenzah iżda din l-influwenza ma sseħħx. (Qabbel l-artikolu 22(5 tal-Kap 101).

Imma fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, l-Ewwel Qorti kienet korrettissima meta ddeskriviet li dak li sar kien biss **messa in scena** u xejn aktar. Qatt ma kien hemm l-iċken ħsieb li jsir influwenza fuq xi ħadd.

Għalhekk il-Qorti mhix tilqa' l-appell tal-avukat ġenerali.

Il-Qorti issa ser tgħaddi għall-appell tal-appellant Lourdes Castillo.

**It-Truffa**

Din l-appellanti fil-qosor tissottometti li l-kliem menzonier mhux biżżejjed fejn hija involuta t-truffa (l-artikolu 308). L-Avukat Ġenerali, fost l-artikoli, ta kemm l-artikolu 308 kif ukoll l-artikolu 309. L-Ewwel Qorti semmiet l-artikolu 308 biss u dwar l-artikolu 309 qieset li l-akkuża dwar il-frodi innominata ngħata bħala kap alternattiv 'għal dik tal-frodi' u għalhekk asteniet milli tieħu konjizzjoni tal-akkuża a tenur tal-artikolu 309 tal-Kap 9.

Il-ġurisprudenza tagħna tisnisti fuq il-mise en scene. Hekk kienet qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Marzu, 1994 'Il-Pulizija vs Daniel Frendo':
'L-elementi essenzjali tar-reat ta' truffa huwa att li bih tiġi murija ħaġa b'oħra, maħgmul bi skop li jġiegħe titwemmen l-eżistenza ta' kdeiti immaġinmarji u li permezz tiegħu l-aġent jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor.'

Fuq l-istess linji mxiet il-Qorti fis-sentenza 'Il-Pulizija vs Alfred Custo' meta qalet hekk:

'Sabiex jikkonkorri dan ir-reat jeġtieġ li jkun hemm mhux biss is-sempliċi 'parole menzogniere, iżda anke l-mise en scen li tagħti kreditu lil dawk il-kliem ta' gideb u ngann.'

Waqt li fis-6 ta' Frar 1961, fil-każ 'Il-Pulzija versus Alfred Agius et', l-istess Qorti qalet hekk:

'L-artifizji jsitgħu jikkonsistu anki fis-simulazzjoni personali u reali, bħal meta żewġ persuni, biex jikkommettu r-reat, jippreżentaw ruħhom bħala miżżewġin, mentri filfatt ma jkunux, u b'hekk jissorprendu l-buona fede tal-vittma tal-ingann.'

Aktar lura minn din is-sentenza – fis-6 ta' Novembru 1954 – il-Qorti kienet qalet hekk fis-sentenza 'Il-Pulizija vs Carmelo D'Anastasi:

'Min jagħmel dikjarazzjonijiet foloz huwa ħati tar-reat ta' truffa u mhux ta' frodi sempliċi avolja huwa ma jkunx adopera xi mezzi.'

L-istess imħallef li kien qed jippresidi l-kawża preċedenti qal hekk fid-19 ta' Novemberu 1960:

'Il-fatt imbagħad li l-persuna li ħadet l-għajnuna soċjali naqset li tirrapporta lid-Direttur tas-Social Service xi tibdil fiċ-ċirkostanzi finanzjarji tagħha hu kompenetrat fit-reat ta; truffa b'inidivvibbilita' ġuridika u naturali; u hekk ikun il-każ ta' uniċita' għar-reat ta' truffa. '

U l-Antolisei, wara li jiddistingwi bejn ‘artifizio u raggiro’ jikkommenta hekk:

*‘Nell’applicazione pratica della legge, peraltro, questa idea e’ andata sempre piu’ affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e’ finito con l’ammettere che anche la sempliċ menzogna puo’ bastare per dar vita alla truffa. Su questa conclusione ormai, salvo qualche rara eccezione, concorda la dottrina e quasi in toto anche la giurisprudenza*.’[1]

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, fl-atti proċesswali m’hemmx biss il-kliem menzonier.

Mill-atti proċesswali jirriżultaw ‘telefonata/I’ taparsi bejn Lourdes Castillo u l-Ministru (ara fol 222 u 224) li huma ntiżi biex iqarrqu. Effettivament fl-istqarrija tal-14 ta’ Settembru 2006, Lourdes Castillo kienet wieġbet hekk:
‘M. Naqblu imma li f’telefonata minnhom lil Ġiovann gġidtlu li kont qed tkellem lill-Ministru Galea dak il-ħin stess?
Iva.’ (fol 65).

Barra dan jirriżulta mix-xhieda ta’ Cassandra Caruana li Grace u Lourdes kienu qalulha li għamlu telefonata lil John Attard taparsi ommha.(fol 72).

Jirriżulta wkoll li kienet l-appellanti li kienet tibgħat sms’s lil Attard minn fuq il-mobile ta’ Cassandra Caruana waqt li tippretendi li kienet Cassandra Caruana li qed tirrispondi.

Din il-Qorti qed tqis ukoll l-istorja kollha dwar il-ministru eżatt kif iddeskrietha bħala ‘messa in scena’. Din ma kinitx ftit kliem ‘menzonier’ imma storja elaborata għall-aħħar li ġġiegħel lil dak li jkujn jemmen u jittama - speċjalment jekk qed jara li ħobżu huwa mhedded.

Għaldaqstant il-Qorti qed tikkonkludi bħall-Ewwel Qorti li fil-proċess jissusistu provi biżżejjed dwar it-truffa.

---

[1] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale Parte Speciale Parte 1 paġina 296.

Konsegwentement mhix tilqa’ din il-parti tal-aggravju tad-difiża.

**Ir-rikatt**

Id-difiża kkonċediet li l-Prosekuzzjoni ppruvat il-każ tagħha dwar ir-rikatt (fol 312 tal-proċess). Għalhekk il-Qorti mhix ser tidħol f’din l-imputazzjoni.

**L-applikazzjoni tal-artikolu 28H**

Is-sottomissjoni tad-difiża hija li l-allegat vittma ‘lanqas jista’ jitlob flus lura illi għandha ‘causa turpi’. L-appellanti tirrepeti din is-sottomissjoni, għalkemm fi kliem xi ftit differenti fin-nota qasira li ppreżentat bl-awtorita’ tal-Qorti.

Il-Qorti rat l-ittri tal-avukati (a fol 273 u fol 274). F’waħda minnhom hemm talbiet lil żewġ persuni flimkien (Lm38, 840) u talba speċifika ta’ Lm60,000 lil Lourdes Castillo. (ittra tat-2 ta’ Ġunju, 2007). (It-total ta’ dawn is-somom huwa Lm98,840) Fl-ittra l-oħra (indrizzata lil Grace Gatt u Lourdes Castillo flimkien ) hemm talba globali li twassal sa Lm102, 640.

Fil-provi ssemmew diversi figuri waqt li Lourdes Castillo qalet li rċeviet Lm67,000 Minn għand John Attard għalkemm hi tgħid li żammet Lm7000 biss. S’intendi għal parti sew mill-bqija hija tista’ tkun debitriċi in solidum.

Fil-fehma tal-Qorti hemm ippruvat li għaddew il-flus fuq il-kwistjoni tal-possibilita’ ta’ tkeċċija mill-post tax-xogħol (madwar Lm60,000) u fuq il-każ fejn kienet involuta l-minuri Cassanda Caruana (madwar Lm20,000).

L-Ewwel Qorti ppruvat tkun ekwa kemm jista’ jkun u iddividiet din is-somma globali fi tnejn u ikkundannat lill-appellanti tħallas Lm40,000.

Din il-Qorti l-ewwelnett mhix dieħla fi kwalunkwe dejn li huwa purament ċivili, partikolarment fejn kellha tingħata xi commission għal xi xogħol. Ser tkun kawta dwar il-figura li għandha tkun versata mill-appellanta kemm minħabba li lanqas l-ittri mibgħuta mill-avukati m’huma jaqblu eżatt fil-

figuri, kemm minħabba li l-figuri huma ‘madwar’. kif ukoll minħabba li figura finali għandha tkun determinata minn Qorti ta’ kompetenza ċivili minħabba ċerti punti ta’ liġi li jistgħu jkunu ndagati minn tali Qorti waqt li ma jistgħux ikunu analizzati minn din il-Qorti. Għalhekk ai fini tal-artikolu 28H tal-Kap 9, il-Qorti qed tbiddel il-figura ta’ Lm40,000 f’waħda ta’ Lm35,000 u ser tikkundanna lill-appellanti biex tħallas lill-parti leża Lm35,000 li konvertiti f’Euros huma €81,528. Dan kollu bla preġudizzju għal kull somma akbar li tista’ tkun iffissata mill-Qorti kompetenti.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti qed tiddisponi mill-appelli kif ġej:**

**(i) Qed tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali;**

**(ii) Qed tilqa’ l-appell tal-appellanti limitatament għal dik il-parti tas-sentenza dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 28H tal-Kap 9 u għalhekk tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fid-19 ta’ Settembru 2012 billi fil-waqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn illiberat lill-appellanti mit-tieni imputazzjoni dedotta kontriha, fejn sabitha ħatja tal-kumplament u fejn ikkundannata għal sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 għandhom jiġu sospiżi għal erba’ snin mil-lum u qed tbiddilha u tħassarha f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellanta sabiex tħallas tlieta u disgħin elf ewro (€93,000) ekwivalenti għal Lm40,000 lill-parti leża u minflok qed tikkundannaha tħallas €81,528 ekwivalenti għal Lm35,000 lill-parti leża fi żmien sitt xhur mil-lum.**

**Il-Qorti spjegat lill-appellanti l-konsegwenzi li jista’ jkun hemm jekk twettaq reat ieħor fi żmien erba’snin li jibdew għaddejin mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------